

TAQSIRA DWAR KONSULTAZZJONI PUBBLIKA

Titlu

Konsultazzjoni pubblika dwar l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Programm ta' Assistenza għad-Dekummissjonar Nukleari

Gruppi fil-mira

Kull ċittadin u organizzazzjoni li għandhom xi opinjoni dwar il-Programm ta' Assistenza għad-Dekummissjonar Nukleari, inklużi l-Istati Membri, awtoritajiet lokali, gruppi lokali ta' interess, l-industrija, SMEs, organizzazzjonijiet tal-konsumatur, trade unions, NGOs, organizzazzjonijiet ambjentali nazzjonali u internazzjonali, konsulenti, federazzjonijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem.

Oqsma ta' politika

L-enerġija

Perjodu tal-konsultazzjoni

mis-23 ta' Ġunju 2017 sat-29 ta' Settembru 2017

L-għan tal-konsultazzjoni

Din il-konsultazzjoni pubblika għandha l-għan li tiġbor il-fehmiet u l-opinjonijiet tal-partijiet interessati kollha dwar il-Programm ta' Assistenza għad-Dekummissjonar Nukleari permezz ta' kwestjonarju.

Mal-adeżjoni tagħhom fl-UE, il-Bulgarija, il-Litwanja u s-Slovakkja impenjaw ruħhom li jagħlqu tmien impjanti tal-enerġija nukleari tat-tip Sovjetiku qabel jintemm il-perjodu ppjanat tagħhom. Min-naħa l-oħra, l-UE impenjat ruħha li ttiprovdi għajnuna finanzjarja għad-dekummissjonar tal-impjanti tal-enerġija magħżula, jiġifieri: l-Impjant tal-Enerġija Nukleari (NPP) ta' Kozloduy, l-unitajiet 1 sa 4 fil-Bulgarija, l-Impjant tal-Enerġija Nukleari (NPP) ta' Ignalina fil-Litwanja, u l-Impjant tal-Enerġija Nukleari (NPP) ta' Bohunice V1 fis-Slovakkja. Bil-Programm ta' Assistenza għad-Dekummissjonar Nukleari, l-Unjoni Ewropea tgħin lill-Bulgarija, lil-Litwanja u lir-Repubblika Slovakkja biex iwettqu l-proċess kontinwu għad-dekummissjonar sħiħ tal-impjanti tal-enerġija nukleari kkonċernati, filwaqt li jżommu l-ogħla standards tas-sikurezza.

Din il-konsultazzjoni pubblika qed issir biex tappoġġa l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Programm ta' Assistenza għad-Dekummissjonar Nukleari għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

Detalji ta' kuntatt

Is-servizz responsabbli: Id-DĠ għall-Enerġija, l-Unità D2 L-enerġija nukleari, l-iskart nukleari u d-dekummissjonar

Email: ENER-LUX-NDAP-CONSULTATION@ec.europa.eu